MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 340/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Norbert Ciappara)
Vs
Joseph Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-
1) fit-28 ta' Lulju 2003, kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza w meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta awtorizzat li jkollu d-droga msemmija fil-pussess

tiegħu w naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.
2) ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis, kollha jew biċċa minnha, w dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a), tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3) fit-28 ta' Ġunju 2003 u ġranet ta' qabel din id-data, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap. 101, kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 9 tal-GN 292/1939 u l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tat-tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu wiehed u ghoxrin xahar prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €2000, liema multa tista' tithallas b'rata ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, dan ghandu jinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, l-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas is-somma ta' LM48.86 (€114.33) li thallsu lill-espert mahtur fil-mori ta' dawn il-proceduri.
Il-Qorti ordnat li l-flus kollha elevati minn fuq l-appellant (LM228.85) (€533.50) ikunu konfiskati favur il-Gvern Malti waqt li l-flus elevati mid-dar tal-appellant ghandhom jinghataw lura lis-Sinjura Angele Cutajar mart l-appellant u lilha biss.
Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-mobiles li kienu elevati w id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-25 ta' Settembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu, tirriformaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-agggravji tal-appellant huma fil-qosor is-segwenti w cioe :- Li jekk wiehed jara sentenzi ohra f' kawzi simili, wiehed jara li l-Qorti normalment tmur fuq il-minimu stabbilit mill-ligi ta' sitt xhur prigunerija. Li l-Ewwel Qorti fil-waqt li sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv. Li llum l-appellant hu persuna totalment riformata w *"clean"* u missier ta' erbat itfal. Li jirrizulta li kellu problema serja ta' droga. Li dawn il-konsiderazzjonijiet ma gewx riflessi fil-piena. Li skond sentenzi in materja persuna ghandha tinghata cans iehor la darba turi bic-car li hemm bidla. Illi f' dan il-kaz kien hemm trapass taz-zmien u ghaddew madwar sitt snin minn meta l-appellant inqabad u meta gie sentenzjat u dan ghaliex ix-xhud principali Jonathan Briffa ma setax jinstab jew ma kienx jattendi l-Qorti. Il-Qrati gieli varjaw il-piena ghal din ir-raguni. Ghalhekk hu ghandu jgawdi minn tnaqqis fil-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat,

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] **,**

**“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F’ dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi li sahansitra tipprovdi ghall-piena massima ta’ ghaxar snin prigunerija oltre l-multa w dan minghajr ma wiehed japplika z-zieda ghall-konkors tar-reati bejn l-ewwel u t-tielet imputazzjoni li bih, skond l-artikolu 17(b) tal-Kap.9, tista’ twassal ghal zieda fil-piena sa massimu ta’ hmistax il-sena prigunerija w dan ukoll bla ma titqies it-tieni imputazzjoni.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-appellant kien ghamel progress biex ma jibqax jiehu d-droga izda mill-banda l-ohra qalet li ma setghetx tinjora l-fatt li l-imputat instab barra bl-eroina, bil-qratas lesti w li l-ewwel u t-tielet imputazzjoni ma grawx fl-istess zmien.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tqisx li l-piena ghal traffikar tad-droga eroina w pussess aggravat f’ cirkostanzi w zmienijiet differenti kienet wahda eccessiva anki meta qieset sentenzi ohra moghtija mill-Qrati tal-Magistrati w konfermati minn din il-Qorti f’ dawn l-ahhar snin. Di fatti hemm numru ta’ sentenzi fejn il-piena li normalment kienet tinghata mill-Qrati f’ kazijiet ta’ spaccar ta’ droga kienet fil-parametri ta’ bejn sentejn u tlitt snin prigunerija u mhux dejjem fil-minimu tal-piena ta’ sitt xhur kif jissottometti l-appellant. Umbaghad, kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu.

Ghar-rigward tat-trapass taz-zmien huwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista’ jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero’ f’ dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit imma r-reat ta’ spaccar ta’ droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissmi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta’. Barra minn hekk din il-Qorti ma taqbilx li r-reat ta’ spaccar tad-droga ghandu jigi kondonat jew mitigat ghax ikun kommess flimkien mar-reat l-iehor tal-pussess tad-droga mill-istess hati ghas-semplici raguni li “*Two wrongs don’t make a right*” .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata, b’ dana pero’ li l-hlas tal-multa jibda jsir mhux aktar tard minn xahar wara li l-appellant jiskonta l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------